MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 783/2006

**David Ellis bhala bursar**
**ghan-nom u in rapprezentanza ta' St Edward's College**

**vs**

**Rocco u Josette konjugi d'Alessandro**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu s-somma ta' tlett mija sitta u ghoxrin Lira Maltin (LM326.00) rapprezentanti bilanc pendenti ta' mizati, dovuti ghall-attendenza ta' iben il-konvenuti gewwa l-kullegg ta' St Edward's, liema somma ilha dovuta u l-konvenuti naqqsu li jhallsuha minghajr ebda raguni valida, minkejja diversi interpellanzi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Frar, 2006 u tal-ittra bonarja datata 6 ta' Marzu, u 13 ta' Gunju,

2006 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenuti li huma minn ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti konjugi d'Alessandro fejn issollevaw illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi kien hemm ragunijiet serji u validi a bazi taghom il-minuri ma baqghax jattendi l-kullegg ta' St Edward's. In vista ta' dan, l-imsemmi 'term' ma kienx dovut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Ra x-xhieda ta' David Ellis, Josette d'Alessandro, Anna Tabone, Catherine Coleiro u l-affdavit ta' Maria Dolores Galea;

Sema' t-trattazjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal hlas ta' mizati dovuta ghall-attendenza ta' iben il-konvenuti fil-kullegg St Edward's li ma gewx imhallsin mill-konvenuti minhabba ragunijiet ta' allegati umiljazzjonijiet li sofra iben il-konvenuti fil-Kullegg ta' St Edwrad's.

Ra x-xhieda ta' David Ellis li huwa l-'bursar' ta' St Edward's College u huwa ukoll *'Head of Administration*.' Hu pprezenta dokumenti li juri li meta l-genituri jirregistraw lil uliedhom fil-kullegg ta' St Edward's jigu mitluba ihallsu *registration fees* kif ukoll jiffirmaw r-regolamenti tal-Kullegg fejn jaccettaw li jobbligaw ruhhom b'dawn ir-regolamenti. Dawn ir-regolamenti u applikazzjoni gew iffirmati mill-konvenuti.

Fil-kaz in kwistjoni, il-konvenuti kienu rregistraw lil binhom fil-Kullegg St Edward's u l-konvenut Rocco d'Alessandro kien iffirma ir-Regolamenti, Proceduri u ftehim ta' Registrazzjoni mall-istess Kullegg.

Illi Klawzola 7.1 ta' dan ir-regolamenti jikkontempla lli s-surmast tall-Kullegg ghandu jkun mgharraf bil-miktub minn ghall-inqas xahrejn qabel student jigi mahrug mill-iskola. Jekk dan ma jsirx, il-kullegg ghandu jithallas il-mizata ta' 'term' tal-iskola. Fil-kaz in kwistjoni dan ma sarx, u ghalkemm l-attur baghat lill-konvenuti l-*invoice* kif ukoll *statements,* u gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Frar, 2006 dan il-kont baqa' ma thallasx mill-konvenuti.

Il-Konvenuti ma kienux infurmaw lill-atturi nomine li t-tifel taghhom ma kienx ser jibqa' jatttendi l-Kullegg ghall-ahhar term ta' wara l-Ghid izda dawn qatt ma nfurmaw ill-kullegg li t-tifel taghhom ma kienx ha jirritorna wara l-btala tal-Ghid u saru jafu biss minn ittra mibghuta minn skola Primarja fejn gie trasferit it-tifel.

Ix-xhud Ellis baqa' jsostni lli huwa qatt ma gie infurmat bil-hrug tat-tifel tal-konvenuti mill-Kullegg.

Ra x-xhieda tal-konvenuta Josette d'Alessandro fejn qalet illi hija kienet infurmat lill-kullegg verbalment lill-ghalliema u l-*Headmistress tal-Junior School* tal-Kullegg St Edwards*.* Hi tghid illi qabel ma dahlu lil binhom fil-Kulleg St Edward's dan kien jattendi l-iskola Primarja tal-Fgura. Illi ghall-ewwel sena l-konjugi d'Alesssandro kienu kuntenti bil-Kullegg St Edward's izda fit-tieni sena t-tifel ma baqax kuntent. Mix-xhieda jidher illi t-tifel kellu '*motor planning deficiency disorder'* u flimkien mall-Kullegg kienu ftehmu pjan ta' kif ghandhom jimxu mat-tifel tal-konvenuti. Din id-*disorder* jfisser illi t-tifel m'ghandhux koncentrament twil u ghandu bzonn jiccaqlaq hafna. L-Konvenuta tghid illi l-ghalliema tal-klassi, fit-tieni sena ma kienetx tiehu pacenzja bit-tifel izda din kienet tghajru quddiem it-tfal l-ohra. L-Attegjament ta' din l-ghalliema kien iwegga' lil iben il-konvenuti. Illi ghalkemm kienet kellmet lill-ghalliema tat-tifel dwar dan, l-ghalliema kompliet bl-atteggament negattiv taghha fil-konfront ta' binha.

L-Ghalliema in kwistjoni, fix-xhieda taghha ma eskluditx illi kienet tikkoregi lit-tifel peress illi l-komportament tieghu

kien ifixkel lit-tfal l-ohrajn, izda cahdet illi kienet tikkorregih bil-mod indikat mill-konvenuti jew li kienet twegghu bil-kliem.

Gew ezebiti dokumenti mill-konvenuti li jattestaw *id-disorder* li minnha jsofri iben il-konvenuti.

Dawn id-dokumenti ma gewx ikkontestati.

Kull min jirregistra lill-ibnu fill-kullegg ta' St Edward's jigi mitlub jiffirma ftehim li jinkorpora r-regolamenti u kundizzjonijiet li ggib maghha din ir-registrazzjoni. In oltre, l-istess genituri jigu mitluba jiffirmaw ittra fejn jiddikjaraw li jaccettaw dawn ir-regolamenti li jkunu ffirmaw ghalihom. Dan il-ftehim gie kkuntestat mill-konvenuti peress illi nghad ill l-kundizzjonijiet huma minn naha wahda biss. Skond il-konvenuti, l-obbligu min-naha tal-kullegg li jzommu lill-istudenti kuntenti ma sehhx tant illi rendew il-hajja tal-istudent infelici. L-Attegament negattiv wassal ghall-genituri illi johorgu lil binhom mill-iskola.

Mid-dokumenti ezebiti mill-attur nomine jindikaw li hemm accettazzjoni espressa ta' dawn ir-regolamenti da parti tal-konvenuti li jidher car li kienu konsapevoli tal-kontenut taghhom. Ghalhekk meta l-konjugi d'Alessandro gew biex jirregistraw il binhom kienu jafu ezatt taht liema kundizzjonijiet kienu qed jaghmlu dan. Malli l-konjugi d'Alessandro ffirmaw, inholqat relazzjoni kuntrattwali bejn il-kullegg li kellu joffri l-edukazzjoni versu konsiderazzjoni li kien l-obbligu tal-konvenuti li jhallsu. Meta l-konvenuti wasslu ghad-decizjoni li johorgu lil binhom minhabba ragunijiet varji, kien fid-dover taghhom jivverifikaw l-proceduri li kellhom jsegwu. Forsi l-konvenuti kienu avzaw lil rapprezenatnti tal-Kullegg verbalment li kienu mdejqin bl-atteggament tal-iskola versu binhom u li ghalhekk kienu ha johorguh mill-kullegg, pero' dan ma jirrendix inapplikabbli l-obbligazzjoni li kienu assumew u accettaw vis-a-vis il-Kullegg li kienet tistipula il-mod u z-zmien li fih kellu jinghata l-Avviz imsemmi. Fi kliem il-konvenuta hi ma felhitx tara lil binha u tghid illi, "f'dik is-sitwazzjoni ghalhekk iddecidejna nohorguh mill-iskola u ghalhekk ukoll kienet ir-raguni ghaliex ma tajthomx *written notice".*

Kliem li juru bic-car illi l-konvenuti kienu jafu bil-kundizzjonijiet li kienu ffirmaw.

It-Tribunal jaghmel riferenza ghas-sentenzi Ellis David Noe vs Ransley Philip et deciza fit-3 ta’ Ottubru, 2001 u Ellis Davis noe vs Testa Alfred et deciza fil-15 ta’ Dicembru, 2003. It-Tribunal jaqbel mal-posizzjoni legali u enunzjata f’dawk is-sentenzi u dak li qed jigi deciz f’din is-sentenza jirrifletti l-istess principji legali li jirregolaw il-kaz prezenti.

Il-Konvenuti ibbazzaw it-trattazzjoni taghhom fuq il-fatt illi l-ftehim bejn il-kullegg u il-konvenuti kien da parti wahda biss peress illi l-kullegg ma rrikambjax il-fiducja posta fih billi naqas li jipprovdi edukazzjoni xierqa spetatta minnhom. B’hekk il-kullegg ma adempjiex l-obbligi tieghu.

It-Tribunal, minghajr ma jidhol fil-meriti jew id-dimeriti tal-allegazzjonijiet tal-konvenuti fil-konfront tal-kullegg ghax-xorta u kwalita’ ta’ tahrig edukattiv moghti minn din l-iskola, ma jidhirlux illi dawn l-allegazzjonijiet validi kemm huma validi huma bizzejjed sabiex jinnewtralizzaw it-talba tal-kullegg ghall-hlas tal-mizati dovuti bis-sahha tar-regolamenti u ghall-liema l-konvenuti aderwew.

Huwa agir lodevoli u inkorraganti da parti minn genituri jfittxu l-ahjar edukazzjoni ghal uliedhom, u hadd ma jista’ jichad li l-argomenti tal-konvenuti ghandu certu piz billi fejn il-genituri jaraw illi l-iskola maghzula ma tkunx qed tilhaq l-aspirazzjonijiet mixtieqa din tigi sostitwita b’ohra fl-ahjar interess ta’ uliedhom. It-Tribunal jidhirlu lli l-mod kif gie korrett iben il-konvenuti mill-ghalliema tieghu, mhuwiex wiehed lodevoli u inkoragganti.

Dan pero’ ma jnaqqas mill-fatt illi l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-konvenuti bhala difiza jistghu fil kaz quddiem dan it-Tribunal jigu guridikament accettati bhala xi legitamzzjoni li tezentom mill-obbligu tal-pagament taht ir-Regolamenti li humu aderew.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jordna l-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett mija sitta u ghoxrin Lira Maltin (LM326.00) lill-attur nomine, bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza a karigu taz-zewg partijijet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------